SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 5211**

Illum il-Ħamis, 17 ta' Marzu 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea u Joseph Bonello.

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Paulette Gafa` skużata minħabba safar.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5111 li saret nhar Il-Ġimgħa, 18 ta' Frar 2011 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Tea Room*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal minuta 2.7 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet jekk kienx ħareġ il-permess tal-Mepa għal proġett tat-Tea Room. Is-Sindku qal li l-Mepa talbet modifika żgħira fil-pjanti. Huwa qal li l-perit tal-Kunsill intalab jagħmel xi modifika fil-pjanti tal-proġett u dawn diġa ġew sottomessi lil Mepa.

### 1.1.2 *New Street Lighting*

Il-Kunsillier Joseph Bonello rrefera għal minuta 2.8 tal-laqgħa preċedenti u qal li meta mar flimkien mas-Sindku biex jaraw fejn ma kienx hemm dawl adekwat fl-inħawi tal-mużew tas-subien, irriżulta li kien hemm bżonn ta' *bracket* fi Trejqet il-Petunja. Dwar Triq il-Ġiżimin il-Kunsill ġie nfurmat li l-*bracket* bil-lampa kellha titwaħħal ma' Blokk 13.

### 1.1.3 *Major Patching*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet dwar ir-rapport li sar fuq ix-xogħol ta' *major patching* li sar fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza. Is-Sindku qal li mir-rapport li sar irriżulta li l-materjal li ntuża ma kienx skond dak stabbilit fil-kuntratt. Huwa qal li l-perit tal-Kunsill kien informa l-kuntrattur b'dan ir-riżultat.

Il-Viċi Sindku rrefera għax-xogħol ta' *major patching* u qal li fi Triq il-Lellux hemm ħafna ħofor.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta mill-Kunsill bejn it-18 ta' Frar 2011 u s-17 ta' Marzu 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 218/11/I – Uffiċċju tal-Prim Ministru – kotba għal-librerija
- 238/11/I – Transport Malta – *Bollards* quddiem il-Kappella ta' Santa Luċija

- 241/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Politika Nazzjonali għall-Ambjent
- 249/11/I – Uffiċċju Amministrattiv Reġjun Nofsinhar – Servizz Legali għar-Reġjun Nofsinhar
- 256/11/I – Maria Galea – *Enchanted Tales* 2
- 291/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Performance Bonus*
- 311/11/I – MEUSAC – IEE *Project*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- Rapport finazjarju għall-perjodu 01/10/11 sa 31/12/2011
- SLLC *Memo* 02/2011 - *Newsletter*
  - Laqgħa tal-Kunsill
- SLLC *Memo* 03/2011 – Żjara mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali
- SLLC *Memo* 04/2011 – Konferenza ta' l-Aħbarijiet mir-Reġjun Nofsinhar
- SLLC *Memo* 05/2011 - Skema Awtorita' tad-Djar
  - *Enchanted Tales* 2
- SLLC *Memo* 06/2011 – Żjara mill-Leader tal-Partit Laburista u Kap ta' l-Oppożizzjoni

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 218/11/I il-Kunsill qabel li meta titlesta l-librerija jikkunsidra l-offerta ta' xiri ta' kotba ta' awtur mill-lokalita' ta' Santa Luċija.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 238/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta kienet approvat it-talba tal-Kunsill biex isiru *bollard*s quddiem il-kappella ta' Santa Luċija. Għandha tintalab kjarifika dwar liema hu l-aċċess għal *parking area* li hemm referenza għalih f'din il-korrispondenza.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 241/11/I saret referenza għall-konferenza "Politika Nazzjonali għall-Ambjent" li għandha ssir fil-25 ta' Marzu 2011. Is-Sindku qal li min jista' jattendi għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 249/11il-Kunsill ġie nfurmat li l-ispiża ta’ €1750 għal-servizz legali għar-Reġjun ser tinqasam bejn l-erbatax il-Kunsill li jiffurmaw ir-Reġjun. Għaldaqstant il-Kunsill approva l-ħlas €125 biex tagħmel tajjeb għal dan is-servizz.

**3.5** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 256/11/I is-Sindku qal li l-Aġenzija Appoġġ qed titlob il-permess tal-Kunsill biex tkun tista’ terġa’ tittella’ l-attivita’ ‘*Enchanted Tales* 2’ b’risq l-Appoġġ Children’s Fund. Huwa qal li din ippjanata li ssir fi Ġnien is-Serenita’ nhar is-Sibt, 9 u l-Ħadd, 10 ta’ April 2011. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**3.6** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 291/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Appriasal Report* u l-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, kif rakkomandat mill-Kunsill Lokali, ġie approvat mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**3.7** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 311/11/I is-Sindku nforma li l-Kunsill irid jaħtar rappreżentant tal-Kumitat li ser jibda jiltaqa’ mal-Meusac biex titħejja applikazzjoni għal fondi mill-Unjoni Europea taħt il-programm ‘*Intelegent Energy Europe*’. Il-Kunsill qabel li jinnomina lil Inġinier li ħejja is-SEAP.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Żjara mill-Kap tal-Oppożizzjoni u Leader tal-Partit Laburista*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kap ta’ l-Oppożizzjoni u Leader tal-Partit Laburista, Dr Joseph Muscat kien ser iżur il-lokalita’ ta’ Santa Luċija nhar il-Ħadd, 20 ta’ Marzu 2011. Huwa qal li waqt din iż-żjara kien ser jiltaqa’ mar-rappreżentanti tal-Klabbs, Każini u l-Kleru u kien ser jagħmel żjara fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill.

### 4.2 *Traffic*

Il-Viċi Sindku qal li fi Triq il-Gardenja qed jgħaddu ħafna karozzi *wrong way* speċjalment fil-ħinijiet ta’ filgħodu, fir-*rush hour*. Is-Sindku qal li għandna ninfurmaw lil Authorised Officer biex jibgħat *warden* f’dawk il-ħinijiet.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 3433 sa numru 3495 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Frar (CM51(01-02)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri flimkien mal-Minuti numru 5111.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Frar 2011 Ammont *Gross* €4965.79

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/001 | Serv. Frar 11 | 2598.25 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv. Frar 11 | 1131.53 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 14191 | 237.50 |
| Euro Clean Waste Servic es | (BR)57/08/01 | Serv. Diċembru 09 | 247.90 |
| Euro Clean Waste Services | (BR)5709/03 | Serv. Lulju 10 | 358.05 |
| Euro Clean Waste Services | (BR) 57/09/03 | Serv. Awwissu 10 | 323.40 |
| Euro Clean Waste Services | (BR) 57/09/03 | Serv.Settembru 10 | 419.65 |
| Euro Clean Waste Services | (BR) 57/09/03 | Serv.Ottubru 10 | 473.55 |
| Euro Clean Waste Services | (BR)57/09/03 | Serv.Novembru 10 | 385.00 |
| Euro Clean Waste Services | (BR)57/09/03 | Serv.Diċembru 10 | 365.75 |
| Euro Clean Waste Services | (BR)57/09/04 | Serv.Jannar 11 | 411.95 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Serv.Frar 11 | 458.60 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.Frar 11 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv.Jannar 11 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/09/01 | Serv.Jannar 11 | 2755.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | Serv. PABX Jan.11 | 82.78 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | Serv. PABX Frar11 | 83.82 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU 01/10/10 SA 31/12/10

Il-Kunsill approva rapport finanzjarju li jkopri l-perjodu Ottubru 2010 sa Diċembru 2010. Is-Sindku qal li dan il-perjodu kien inkluż fir-rapport finanzjarju li jkopri s-sena 2010 li kien ġie diskuss u approvat fil-laqgħa numru 5111 li saret fit-18 ta' Frar 2011. Huwa qal li għal din il-laqgħa kien attenda l-accountant tal-Kunsill li kien ta spjegazzjoni fid-dettal tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2010.

### *6.1 Fixed Assets*

Is-Sindku ppreżenta lista ta' assi tal-Kunsill u qal li sar eżerċizzju fejn ġew identifikati dawk l-assi li jridu jiġu *deleted,* jew għax m' għadhomx tajbin jew għax *obsolete*. Huwa qal li kopja ta' din il-lista ser tkun mehmuża mal-minuti ta' din il-laqgħa.

## 7. BUDGET

Il-Kunsill iddiskuta *draft budget* għas-sena 2011. Is-Sindku rrefera għal xogħol ta' *resurfacing* li ser isir taħt l-iskema tal-PPP. Huwa qal li t-tlett toroq li ser jagħmel il-Kunsill taħt din l-iskema jridu jsiru fi żmien sena minn meta jiġi ffirmat il-Kuntratt. Huwa qal li mhux possibli li jsiru t-tlieta sa l-aħħar ta' din is-sena, għaldaqstant Triq Ineż Soler u Triq Ġuljetta Lopez isiru sa l-aħħar tas-sena u Triq il-Ġnien issir fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*available funds* li kellu l-Kunsill li ġew mis-snien ta' qabel intefqu fuq *major patching* li sar fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza fl-ewwel xahrejn ta' din is-sena, għalhekk huwa mportanti li l-Kunsill irid iżomm eżatt mal-*budget.*

## 8. OFFERTA PC(57/11/01) – LATRINA PUBBLIKA

Is-Sindku rrefera għal rapport li ħejja l-perit dwar l-offerti li ntefgħu għas-sejħa li ħareġ il-Kunsill fir-rigward tal-proġett tal-latrina pubblika. Is-Sindku ppropona li peress li l-offerti li ntefgħu kienu ferm għola mill-istima li kellu l-Kunsill, din l-offerta għandha tiġi rtirata. Huwa qal li fuq parir li ngħata l-Kunsill jidher li jkun aħjar kieku l-offerta toħroġ fuq xogħol ta' kostruzzjoni biss milli kif kienet oriġinarjament, jiġifieri kostruzzjoni u twettieq sħiħ tal-proġett. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 9. PROĠETTI

### 9.1 *Awtorita' tad-Djar- Skema 1*

Is-Sindku rrefera għal proġett tal-Awtorita' tad-Djar - Skema 1 - Insaħħu l-Komunita' Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern. Huwa qal li kif diġa ġie nfurmat il-Kunsill, l-Awtorita' tad-Djar laqgħat l-applikazzjoni tal-Kunsill biex isir il-proġett ta' LED *lighting* fil-Jogging Track u l-*keep fit classes* għar-residenti. Dwar il-proġett biex jinxtegħl il-Jogging Track is-Sindku qal li l-Kunsill ser imexxi fuq il-kuntratt ta' l-i*street lighting*. Dwar il-*keep fit classes* il-Kunsill qabel li jitlob il-permess tal-Headmistress tas-St Bendict College Sta Lucia Girls' Junior Lyceum biex dawn il-*classes* ikunu jistgħu jsiru fl-iskola.

### 9.2 *Resurfacing ta' Toroq – Skema PPP*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li f'April ser toħroġ is-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ineż Soler, Triq Ġuljetta Lopez u Triq il-Ġnien. Din l-offerta RR(PPP) 57/11/02 ser tagħlaq nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 2011.

### 9.3 *Pjazza 7 ta' Lulju*

Is-Sindku rrefera għas-siġar li nqagħlu fi Pjazza 7 ta' Lulju u qal li hemm bżonn isir xogħol ta' *reinstatement* f'din l-*area*. Huwa qal li ser jitneħħew iċ-ċanet li kien hemm u minflok isir taraġ kif hemm preżentament. Is-Sindku qal li l-kwotazzjoni tal-kuntrattur Karmig Trading Ltd. li tkopri x-xogħol involut tammonta għas-somma ta' €915.75. Il-Kunsill approva x-xogħol u l-ispiża msemmija.

### 9.4 *Proġett ta' Bini ta' Garaxxijiet f'Dawret it-Torri*

Il-Kunsill iddiskuta l-pjanta tal-proġett tal-bini ta' garaxxijiet f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li hemm bżonn jitneħħew xi siġar u ssir xi emenda fil-bicycle track. Saret diskussjoni wkoll dwar id-dħul u l-ħruġ, sew dak li jagħti għal pjan ta' taħt fejn ser ikun hemm il-garaxxijiet kif ukoll għal pjan ta' fuq fejn ġejja l-*parking area*. Is-Sindku kkonkluda li jsir *site meeting* mal-perit ħalli jiġu spegati aħjar id-dettalji li qed jidhru fil-pjanta.

### 9.5 *Rapport Triq il-Klematis*

Is-Sindku qal li l-perit tal-Kunsill kien lesta r-rapport fuq Triq il-Klematis. Huwa nforma l-Kunsill li kien kiteb lil Transport Malta dwar il-problemi li jridu jiġu ndirizzati biex tiġi rranġata din it-triq. Is-Sindku kompla jgħid li skond dan ir-rapport l-ispiża nvoluta tammonta għal madwar €65,000.

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ħamis, 14 ta' April 2011 fis-6.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum il-Ħamis, 14 ta' April 2011**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**